Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,599, 10 ta' Marzu, 2026
Taqsima A

MALTA

ATT Nru II tal-2026

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65.

ACT No. II of 2026

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Traffic Regulation Ordinance, Cap. 65.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

10 ta' Marzu, 2026

ATT Nru II tal-2026

ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2026 li jemenda Liġijiet Varji għall-Prevenzjoni ta' Sewqan taħt l-influwenza tal-Alkoħol u d-Droga. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
Emendi għall-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku

2. Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa l-"liġi prinċipali". Emendi għall-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. Kap. 65.

3. Fl-artikolu 2 tal-liġi prinċipali minnufih wara t-tifsira "vetturi bil-mutur N3" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja: Emenda tal-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

" "vetturi fuq dmirijiet prijoritarji" tinkludi kwalunkwe fire engine, ambulanzi, vetturi tas-salvataġġ u tas-sokkors, vetturi tal-pulizija, vetturi tal-ħabs u vetturi oħra bil-mutur fuq dmirijiet

prijoritarji kif permess mill-Awtorità;".

Emenda tal-artikolu 15 tal-liġi prinċipali.

4. L-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "jew vettura oħra tiegħu" għandu jiġi miżjud il-kliem "jew meta l-vettura bil-mutur jew vettura oħra ma tkunx liċenzjata";

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "other vehicle in a reckless" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "other vehicle in a grossly negligent";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Kwalunkwe persuna li tagħmel jew tipproduċi jew tippermetti li jsir jew li jiġi prodott xi materjal li jinvolvi jew li jindika li xi persuni qed jiksru d-dispożizzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) jew tipproduċi, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbigħ, tforni, tittrażmetti, trendi disponibbli, takkwista għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, jew li tindika li tali persuni qed jiksru d-dispożizzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ta' elf u mitejn euro (€1,200), jew priġunerija li ma teċċedix sena (1):

Iżda għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ir-reat għandu jitqies li twettaq fejn, irrispettivament mill-intenzjoni ddikjarata tal-persuna, iċ-ċirkostanzi tal-pubblikazzjoni jkunu tali li jistgħu raġonevolment jitqiesu li:

(a) jinnormalizzaw jew inaqqsu s-serjetà ta' sewqan perikoluż jew eċċessiv; jew

(b) jinkoraġġixxu l-imitazzjoni ta' tali mġiba minn persuni oħra:

Iżda wkoll jekk il-persuna msemmija f'dan is-subartikolu tipprovdi biżżejjed evidenza quddiem il-qrati għall-identifikazzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), tali persuna għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250).".

Emenda tal-artikolu 15A tal-liġi prinċipali.

5. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 15A tal-liġi prinċipali l-kliem "minħabba xorb jew drogi" għandhom jiġu mħassra.

Żieda ta' artikoli ġodda fil-liġi prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 15B tal-liġi prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Sewqan ta' vettura bil-mutur b'konċentrazzjoni ta' droga fil-ġisem.

15BA. (1) L-ebda persuna ma għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat kwalunkwe droga, jekk tali persuna għad għandha xi ammont ta' tali droga f'ġisimha.

(2) Reat taħt dan l-artikolu ma għandux jiġi interpretat bħala reat ta' pussess ta' droga.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija biex jagħmel regolamenti.

15BB. Il-Ministru responsabbli għall-pulizija jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu:

(a) għal proċeduri li għandhom jiġu adottati mill-pulizija fit-twettiq ta' testijiet tad-droga tal-fluwidu orali;

(b) għad-determinazzjoni tat-tip ta' strument li għandu jintuża għat-teħid tat-test tad-droga tal-fluwidu orali;

(ċ) għal proċedura għat-teħid ta' kampjuni ta' fluwidi tal-ġisem;

(d) għad-determinazzjoni tal-laboratorju għat-teħid u l-ittestjar ta' kampjuni ta' fluwidi tal-ġisem;

(e) għal kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mal-operat tal-pulizija dwar it-trażżin ta' sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-droga:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-pulizija jista', permezz ta' regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, iżid Skedi jew jemenda jew iħassar l-Iskedi li jinsabu ma' din l-Ordinanza sabiex jipprovdi għall-aħjar implimentazzjoni ta' dan l-artikolu.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 15Ċ tal-liġi prinċipali.

7. L-artikolu 15Ċ tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Test tal-alkoħol tan-nifs.

15Ċ. (1) Fejn uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li:

(a) persuna tkun qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li jkollha l-alkoħol f'ġisimha jew li tkun wettqet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja;

(b) persuna kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor bl-alkoħol f'ġisimha u li tali persuna għad għandha l-alkoħol f'ġisimha;

(ċ) persuna kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li wettqet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja; jew

(d) persuna kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta l-imsemmija vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet involuta f'aċċident,

huwa jista' jeħtieġ li tali persuna tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs.

(2) Uffiċjal tal-Pulizija jista', mingħajr il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli fir-rigward ta' persuna partikolari, jeħtieġ lil kwalunkwe persuna li kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew hija jew kienet fil-kontroll ta' karozza tal-linja, coach, vetturi oħra li jġorru passiġġieri bi ħlas, kwalunkwe vettura bil-mutur M2 jew M3 fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt kontrolli fit-toroq skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tagħti kampjun tan-nifs għall-alkoħol.

Kap. 9.

(3) Uffiċjal tal-Pulizija għandu jeħtieġ lil kwalunkwe persuna li kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta tkun involuta f'aċċident serju tat-traffiku, sabiex tagħti kampjun tan-nifs għall-alkoħol.".

Żieda ta' artikoli ġodda fil-liġi prinċipali.

8. Minnufih wara l-artikolu 15Ċ tal-liġi prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Test ta' fluwidu orali għal test tad-droga.

15ĊA. (1) Fejn uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li:

(a) persuna tkun qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li jkollha d-drogi f'ġisimha jew li tkun wettqet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja;

(b) persuna kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor bi drogi f'ġisimha u li tali persuna għad għandha d-drogi f'ġisimha;

(ċ) persuna kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u wettqet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja; jew

(d) persuna kienet qed issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta l-imsemmija vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet involuta f'aċċident,

huwa jista' jeħtieġ li tali persuna tagħti kampjun ta' fluwidu orali għal test tad-droga.

(2) Uffiċjal tal-Pulizija jista', mingħajr il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli, jeħtieġ lil kwalunkwe persuna li kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' jew kienet fil-kontroll ta' karozza tal-linja, coach, vetturi oħra li jġorru passiġġieri bi ħlas, kwalunkwe vettura bil-mutur M2 jew M3 fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt kontrolli fit-toroq skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tagħti kampjun ta' fluwidu orali għal test tad-droga.

Kap. 9.

(3) Uffiċjal tal-Pulizija għandu jeħtieġ lil kwalunkwe persuna li kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta tkun involuta f'aċċident serju tat-traffiku, sabiex tagħti kampjun ta' fluwidu orali għal test tad-droga.

Setgħa li jsiru testijiet każwali.

15ĊB. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra f'din l-Ordinanza jew fi kwalunkwe liġi oħra, meta uffiċjal tal-Pulizija iqis li jkun raġonevolment meħtieġ, fl-interess tas-sigurtà pubblika, tal-ordni pubbliku jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra, huwa jista' jeħtieġ ukoll, anke mingħajr il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli f'persuna partikolari, lil kwalunkwe persuna li kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew li tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew fi kwalunkwe post pubbliku ieħor sabiex tagħti kampjun tan-nifs għall-alkoħol jew sabiex tagħti kampjun ta' fluwidu orali għal test tad-droga.

Mediċinali.

15ĊĊ. Għall-finijiet tal-artikoli 15BA, 15ĊA u 15ĊB, persuni fil-pussess ta' karta tal-kontroll tad-droga valida jew li qed jieħdu mediċina preskritta għandhom jippreżentaw tali karta jew riċetta wara li jkunu ttestjaw pożittiv għat-test tad-droga. Il-pussess ta' tali dokumentazzjoni ma għandux jipprekludi t-twettiq ta' testijiet ulterjuri sabiex jiġi aċċertat li l-persuna konċernata ħadet kwalunkwe sustanza kontrollata skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, u lanqas ma għandu jeżenta lil tali persuna mir-responsabilità kriminali.

Kap. 101.

Limiti preskritti għat-tetrahydrocannabinol.

15ĊD. Għall-finijiet tal-artikoli 15BA, 15ĊA u 15ĊB il-livell permess ta' tetrahydrocannabinol fid-demm għandu jkun ta' żewġ (2) mikrogrammi għal kull litru ta' demm għal persuni li jsuqu vetturi, ħlief għall-vetturi kummerċjali, karozzi tal-linja, coaches, vetturi oħra li jġorru passiġġieri bi ħlas u kwalunkwe vettura bil-mutur M2 jew M3. F'dawk il-każijiet fejn persuna tkun biss pożittiva għat-tetrahydrocannabinol, tali persuna għandha tkun soġġetta għall-piena applikabbli preskritta fl-artikolu 15H:

Iżda jekk persuna tirriżulta pożittiva għat-tetrahydrocannabinol, li ma tkunx qed issuq vetturi kummerċjali, karozzi tal-linja, coaches, vetturi oħra li jġorru passiġġieri bi ħlas u kwalunkwe vettura bil-mutur M2 jew M3, tista' tkun meħtieġa tissottometti ruħha għal testijiet ulterjuri, inklużi testijiet tad-demm. Jekk jirriżulta li l-livell ta' tetrahydrocannabinol jeċċedi l-ammont preskritt, tali persuna għandha tkun soġġetta għall-piena applikabbli preskritta fl-artikolu 15H:

Iżda wkoll jekk persuna tirriżulta pożittiva għal sustanzi tad-droga oħra jew alkoħol minbarra t-tetrahydrocannabinol, hija għandha tkun soġġetta għall-piena applikabbli preskritta fl-artikolu 15H.".

9. L-artikolu 15D tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 15D tal-liġi prinċipali.

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) bħala rizultat ta' test tan-nifs jew test tad-droga tal-fluwidu orali, l-uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' tali persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt, jew tali persuna tirriżulta pożittiva għad-drogi; jew";

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) tali persuna tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs, jew kampjun ta' fluwidu orali għal test tad-droga tal-fluwidu orali meta dan ikun meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 15Ċ, 15ĊA jew 15ĊB u, unikament sakemm tali persuna tkun ġiet imwissija li n-nuqqas jew ir-rifjut li tikkonforma ma' tali rikjesta jikkostitwixxi reat.".

10. L-artikolu 15E tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 15E tal-liġi prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "taħt l-artikoli 15A u 15B(1)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt l-artikoli 15A, 15B(1) u 15BA(1)";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "taħt l-artikoli 15A jew 15B(1)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt l-artikoli 15A, 15B(1) u 15BA(1)";

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "taħt l-artikoli 15A jew 15B(1)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt l-artikoli 15A, 15B(1) u 15BA(1)";

(iv) fil-proviso tas-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "tal-urina." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-urina; jew" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(ċ) tagħti kampjun jew kampjuni ta' fluwidu orali għall-analiżi permezz ta' strument approvat skont ir-Regolamenti dwar l-Ittestjar tad-Droga waqt is-Sewqan, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova fi kwalunkwe proċeduri dwar reat taħt l-artikoli 15A, 15B(1) u 15BA(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti korretti sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju; jew

L.S. 65.34.

(d) tagħti kampjun jew kampjuni ta' fluwidu orali għall-analiżi ta' konferma, li għandha ssir f'laboratorju approvat, skont ir-Regolamenti dwar l-Ittestjar tad-Droga waqt is-Sewqan, u r-riżultati tal-analiżi għandhom ikunu ammissibbli bħala prova fi kwalunkwe proċeduri għal reat taħt l-artikoli 15A, 15B(1) u 15BA(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti korretti sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.";

L.S. 65.34.

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "iżjed mil-limitu preskritt" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iżjed mil-limitu preskritt jew ikollha drogi f'ġisimha, jew fil-każ ta' tetrahydrocannabinol, aktar mil-limitu preskritt";

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A, 15B jew 15BA(1)";

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Fil-prosekuzzjoni għal reat taħt l-artikoli 15 sa 15I għandu jiġi preżunt, sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, li strument ipprovdut minn membru tal-Pulizija bl-għan li jippermetti lil persuna tagħti kampjun ta' fluwidu orali huwa strument sabiex jindika l-preżenza ta' drogi fil-fluwidu orali.".

Emenda tal-artikolu 15F tal-liġi prinċipali.

11. L-artikolu 15F tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja:

"Għażla ta' kampjuni tan-nifs, ta' fluwidu orali jew ta' fluwidu tal-ġisem.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "kampjun tan-nifs jew ta' fluwidu tal-ġisem" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kampjun tan-nifs, fluwidu orali jew fluwidu tal-ġisem,";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "Il-Ministru għandu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-pulizija għandu".

Emenda tal-artikolu 15G tal-liġi prinċipali.

12. Fl-artikolu 15G tal-liġi prinċipali l-kliem "kampjun tan-nifs, tad-demm jew tal-urina" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kampjun tan-nifs, tad-demm, tal-fluwidu orali jew tal-urina".

Emenda tal-artikolu 15H tal-liġi prinċipali.

13. L-artikolu 15H tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "tal-artikoli 15A u 15B" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-artikoli 15A, 15B u 15BA(1)";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "erbat elef euro (€4,000)";

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "tlett elef euro (€3,000) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sena jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tmint elef euro (€8,000):" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-qorti ma għandhiex tagħti l-piena minima jekk persuna tkun instabet pożittiva għal aktar minn droga waħda (1), jew tkun taħt l-influwenza ta' sustanza tad-droga u alkoħol flimkien.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) B'żieda mal-pieni provduti taħt is-subartikoli (1) u (2), u bla ħsara għal kwalunkwe miżura jew ordni oħra li l-qorti tista' timponi bis-saħħa ta' xi liġi oħra, il-qorti għandha, mal-għoti tas-sentenza, tordna lill-persuna kkundannata sabiex trodd lura lill-Pulizija l-ispejjeż imġarrba b'konnessjoni ma' kwalunkwe test tad-droga f'tali perjodu u f'dak l-ammont li għandu jiġi stabbilit fis-sentenza.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4) tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw, *mutatis mutandis,* favur il-Pulizija, fin-nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż kif determinati mill-qorti skont is-subartikolu (4).". Kap. 9.

Emenda tal-artikolu 15I tal-liġi prinċipali.

14. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 15I tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "droga" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "droga" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i u fl-artikolu 118A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;"; Kap. 101. Kap. 31.

(b) minnufih wara t-tifsira "droga", kif sostitwita, għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "aċċident serju tat-traffiku" tfisser kwalunkwe aċċident li seħħ fit-triq jew f'post pubbliku ieħor li jinvolvi vettura bil-mutur jew vettura oħra li kaġun tiegħu kwalunkwe persuna ssofri xi offiża fuq il-persuna jew jirriżulta fil-mewt ta' persuna;

"kunsens xieraq" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 350 tal-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

"test preliminari" tfisser test tad-droga tal-fluwidu orali mwettaq mal-ġenb tat-triq, minn uffiċjal tal-pulizija bl-użu ta' strument approvat skont l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar l-Ittestjar tad-Droga waqt is-Sewqan; L.S. 65.34.

"test tad-droga tal-fluwidu orali" tfisser test bl-għan li jiġi ddeterminat, permezz ta' strument ta' tip approvat mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija, jekk persuna hijiex taħt l-influwenza tad-droga;

"test ta' konferma" tfisser kampjun ta' fluwidu orali miksub minn persuna suspettata li wettqet reat taħt din l-Ordinanza jew persuna msemmija fl-artikolu 15ĊA jew 15ĊB, wara li t-test preliminari tagħha rriżulta pożittiv għad-drogi, liema kampjun jiġi riferut għall-analiżi lil laboratorju approvat kif elenkat fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar l-Ittestjar tad-Droga waqt is-Sewqan;"; L.S. 65.34.

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tat-tifsira "il-limitu preskritt" il-kliem "sewqan jew tentattiv ta' sewqan ta' karozzi tal-linja, coaches" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sewqan jew tentattiv ta' sewqan ta' karozzi tal-linja, coaches, vetturi fuq dmirijiet prijoritarji";

(d) fil-proviso tiegħu l-kliem "il-Ministru jista'" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Ministru responsabbli għall-pulizija jista'".

Żieda ta' artikoli ġodda fil-liġi prinċipali.

15. Minnufih wara l-artikolu 15J tal-liġi prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Sospensjoni ta' liċenzji b'mod kawtelatorju. Kap. 9.

15K. Meta persuna tiġi mressqa l-qorti b'akkuża taħt l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali li tirriżulta minn sewqan ta' vettura bil-mutur, il-prosekuzzjoni għandha titlob lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-akkużat waqt li l-proċeduri jkunu pendenti. Id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati għandu jkun eżegwibbli minnufih iżda għandu jkun soġġett għal appell permezz ta' rikors ippreżentat fi żmien ħamest (5) ijiem quddiem il-Qorti Kriminali u l-imsemmi digriet jista' jiġi rivedut u soġġett għal tali kundizzjonijiet kif il-Qorti jista' jidhrilha xieraq minn żmien għal żmien.

Teħid ta' kampjuni tad-demm minn persuna li ma tistax tagħti l-kunsens tagħha.

15L. (1) Il-proċedura stabbilita f'dan l-artikolu għandha tapplika f'każijiet fejn persuna msemmija fl-artikolu 15ĊA(3):

(a) ma tistax tagħti l-kunsens tagħha sabiex isirilha test preliminari u test ta' konferma; jew

(b) ma tistax tiġi soġġetta għal test preliminari u test ta' konferma.

(2) Kwalunkwe tabib li jassisti kwalunkwe persuna rikoverata l-isptar fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (1), għandu waqt li dik il-persuna tkun hekk rikoverata, fuq talba ta' uffiċjal tal-Pulizija kkonfermata b'ordni ta' Maġistrat, ikun meħtieġ jieħu kampjun tad-demm tal-pazjent għall-analiżi kemm jista' jkun malajr.

(3) Jekk ma jkun hemm l-ebda tabib preżenti sabiex jassisti lill-persuna rikoverata l-isptar imsemmija fl-artikolu 15ĊA(3), il-kampjun tad-demm għandu jittieħed minn professjonist fil-kura medika li jkun qiegħed jassisti lill-pazjent u li huwa akkreditat minn sptar bħala kompetenti sabiex iwettaq il-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni.

(4) It-teħid ta' kampjun tad-demm minn persuna rikoverata l-isptar imsemmija fl-artikolu 15ĊA(3) ma għandux ikun meħtieġ skont dan l-artikolu sakemm, fil-ħin tal-inċident ikkonċernat, il-pazjent li kien involut f'inċident rikoverat fl-isptar ma kienx:

(a) qiegħed isuq vettura bil-mutur involuta fl-aċċident;

(b) qiegħed jokkupa s-sedil tax-xufier ta' vettura bil-mutur involuta fl-aċċident u jipprova jħaddem il-vettura bil-mutur; jew

(ċ) id-detentur ta' liċenzja tas-sewqan applikabbli u kien qiegħed jokkupa s-sedil fil-vettura bil-mutur ħdejn sewwieq li qiegħed jitgħallem li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur involuta fl-aċċident.".

TAQSIMA II
Emendi għall-Kodiċi Kriminali

Emendi għall-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

16. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ il-"Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 225 tal-Kodiċi.

17. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 225 tal-Kodiċi

għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Meta jitwettaq reat kontra s-subartikolu (1) jew (2) għar-raġuni illi l-ħati jkun saq vettura bil-mutur filwaqt li kien taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-droga, għandha f'kull każ, tapplika piena minima ta' tliet (3) snin priġunerija u l-Qorti ma għandhiex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 ta' dan il-Kodiċi jew id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* jew id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija):

Kap. 446.
Kap. 537.

Iżda f'dan l-artikolu "droga" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikolu 118A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.".

Kap. 101.
Kap. 31.

18. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 226 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 226 tal-Kodiċi.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75):" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda jekk il-ħsara tkun gravi u tipproduċi l-effetti msemmija fl-artikolu 218 u tkun kawżata minn persuna li tkun qed issuq taħt l-influwenza tad-drogi jew tal-alkoħol skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, hija għandha teħel priġunerija għal perjodu li ma jeċċedix erba' (4) snin jew multa li ma teċċedix tmint elef euro (€8,000), jew priġunerija u multa flimkien:

Kap. 65.

Iżda wkoll għall-finijiet tal-artikolu 225 u ta' dan l-artikolu, il-qorti ma għandhiex tagħti l-piena minima jekk persuna tkun instabet pożittiva għal aktar minn droga waħda (1) jew tkun taħt l-influwenza ta' sustanza tad-droga u alkoħol flimkien.";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37):" u minnufih wara għandu jiġi miżjud

il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda jekk il-ħsara tkun gravi mingħajr l-effetti msemmija fl-artikolu 218 u tkun kawżata minn persuna li tkun qed issuq taħt l-influwenza tad-drogi jew tal-alkoħol skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, hija għandha teħel priġunerija għal perjodu li ma jeċċedix sentejn (2) jew multa li ma teċċedix ħamest elef euro (€5,000), jew priġunerija u multa flimkien.".

Kap. 65.

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

19. Minnufih wara l-artikolu 226Ċ tal-Kodiċi għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ċirkostanzi aggravanti.

226D. Fejn persuna twettaq reat imsemmi fl-artikoli 225, 226 jew 226A u sussegwentement:

(a) taħrab minn fuq post fejn seħħ qtil involontarju jew offiża fuq il-persuna; jew

(b) kienet qed issuq b'veloċità li teċċedi l-limitu tal-veloċità preskritt; jew

(ċ) kienet qed issuq waqt li kienet skwalifikata, mingħajr liċenzja tas-sewqan valida, jew mingħajr polza tal-assigurazzjoni valida,

il-piena stabbilita għal dak ir-reat għandha tiżdied b'żewġ sa tliet gradi.".

Emenda tal-artikolu 328 tal-Kodiċi.

20. Fit-tieni proviso għall-artikolu 328 tal-Kodiċi l-kliem "li tikkostitwixxi l-irtirar tal-kwerela." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li tikkostitwixxi l-irtirar tal-kwerela:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll f'każijiet fejn persuna twettaq reat kif imsemmi fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), u fil-każ tal-paragrafu (d) biss fir-rigward ta' offiża ħafifa fuq il-persuna, u sussegwentement taħrab minn fuq il-post fejn seħħew il-mewt ta' persuna jew l-offiża fuq il-persuna, il-piena stabbilita għar-reat għandha tiżdied b'żewġ sa tliet gradi.".

Emenda tal-artikolu 355A tal-Kodiċi.

21. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 355A tal-Kodiċi għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Meta kwalunkwe vettura titwaqqaf skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu u mingħajr ir-rekwiżit ta' suspett raġonevoli, kwalunkwe persuna li kienet qiegħda ssuq jew tipprova ssuq jew li tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew post pubbliku ieħor, tista' tkun meħtieġa li tagħti kampjun tan-nifs għall-alkoħol jew tagħti kampjun ta' fluwidu orali għal test tad-droga.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 440 tat-3 ta' Marzu, 2026.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati